## 28 ta' Jannar, 1957

## Imħallfin:—

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Domenica Vella et. *versus* Giovanni Magro

## Azzjoni Negatorja — Spoll — Servitù — Passaġġ — Prova — Pussess — Titolu — Art. 506 tal-Kap. 23

*F'kawża fejn tiġi esperita l-azzjoni negatorja, eżerċitata biex jiġi dikjarat li l-fond tal-attur mhux suġġett għas-servitù ta' passaġġ vantata mill-konvenut, il-piż tal-prova tal-eżistenza ta' dak il-passaġġ jinkombi fuq il-konvenut. U dan ma jsibx għajnuna f'din il-prova mill-fatt li qabel huwa kien għamel proċeduri ta' spoll kontra l-attur b'kawża oħra fejn ħareġ rebbieħ; għax għalkemm f'każ ta' servitù diskontinwa, bħal ma hija dik ta' passaġġ, din tista' tiġi kostitwita biss b'titolu, eppure għall-azzjoni ta' spoll hu biżżejjed il-pussess kwalunkwe, u n-nuqqas ta' titolu mhux ta' ostakolu għal "dik" l-azzjoni, mentri fil-petitorju mhux biżżejjed il-pussess, imma jeħtieġ li l-konvenut jipprova l-akkwist leġittimu tas-servitù.*

*B'liġi mbgħad, servitù diskontinwa, apparenti jew le, tista' tiġi kreata biss b'titolu, u ma tistax tiġi kreata la bil-preskrizzjoni u lanqas bid-destinazzjoni tal-missier tal-familja. Bil-preskrizzjoni tista' tiġi akkwistata, eċċezzjonalment, f'każ ta' fond interkjuż. Għalhekk, biex jirrepelli l-azzjoni negatorja, il-konvenut jeħtieġlu jipproduċi titolu, u ma jistax jinvoka favur tiegħu stat ta' affarijiet eżistenti bid-destinazzjoni ta' missier tal-familja, jew attijiet ta' eżerċizzju tal-pretiża servitù anki għal żmien twil.*

*Lanqas jista' l-konvenut isostni l-pretiża servitù billi jipproduċi att fejn giet rikonoxxuta dik is-servitù, jekk f'dak l-att l-attur ma kienx parti personalment jew permezz tal-awturi tiegħu; għax ir-rikonoxximent tal-eżistenza tas-servitù irid ikun minn sid il-fond serventi.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla Ċivili, li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenut jgħid illi għandu d-dritt ta' passaġġ mill-bieb nru. 18, ġa' numru 23, St. John Street, Naxxar, biex imur għal bir retrostanti li qiegħed fi proprjetà tagħhom; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti li l-imsemmi dritt ta' passaġġ mill-bieb numru 18, ġa' numru 23, pretiż mill-konvenut, ma jeżistix. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' April 1956, li biha ġew miċħuda t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif tajjeb jissottomettu l-atturi, għas-soluzzjoni tal-kwistjoni bejn il-kontendenti trid tiġi nterpretata l-portata tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tal-24 ta' Lulju 1927 (fol. 9), li biħ Giuseppe Fenech biegħ lill-konvenut u lil Michelina Magro, il-mara tiegħu, il-lok ta' djar in-Naxxar, Trieq San Ġwann, b'żewġ numri 22 u 22A., liema numri l-lum, kif jirriżulta, huma 16 u 17. Tabilħaqq, waqt li l-konvenut jallega li b'dak il-kuntratt ġie lilu mogħti d-dritt li jagħmel użu mill-bir li qiegħed fil-bitħa retroposta għal dak il-fond, billi jgħaddi mill-passaġġ ta' pertinenza ta' l-istess atturi li għandu bieb fuq it-triq numru 18 (fi żmien l-imsemmi kuntratt, kif jirriżulta, dan in-numru kien 23), l-atturi jippretendu li l-konvenut għandu dritt jgħaddi minn dak il-passaġġ mhux minn dak il-bieb numru 18, imma mill-bieb tal-fond tiegħu, jew dak "A" li jidher fl-iskizz fol. 16, li l-Qorti, għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża, dehrilha li għandha tagħmel fl-okkażjoni meta ġie adoperat l-imsemmi aċċess fuq il-post;

Illi l-pretensjoni tal-atturi tidher bażata fuq il-fatt li f'dak il-kuntratt jingħad li dak id-dritt tal-konvenut kellu jiġi eżerċitat "da suddetti beni", billi jidħol fil-passaġġ di-

rettament mill-fond li xtara, jiġifieri jgħaddi fil-passaġġ minn dak il-bieb "A" mingħajr ma jgħaddi mill-bieb tiegħu numru 18 fuq barra t-trieq. Is-sens strett u letterali tal-espressjoni wżata fil-kuntratt, jekk tittieħed weħedha, jista' jikkonduċi għall-interpretazzjoni kif mogħtija mill-atturi; imma ma tistax tiġi eskluża l-interpretazzjoni l-oħra, mogħtija mill-konvenut , jew dik li s-"suddetti beni" qegħedin fil-kuntratt jirriferixxu għal "beni altrui", u dawn il-"beni altrui" żgur li ma kienux il-fond mixtri minnu, imma kienu l-fondi ta' Giuseppe Fenech, il-venditur, u l-lum tal-atturi;

Dina l-Qorti hi tal-fehma li hi aċċettabbli d-deduzzjoni tal-konvenut; u dan jidher tant mill-interpretazzjoni tal-kontest kollu tal-paragrafu kontrovers fl-imsemmi kuntratt, kemm mill-interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-venditur Giuseppe Fenech, li, kif jidher mill-provi li ġew prodotti, kien ta d-dritt lill-konvenut, meta begħlu dak il-fond, li jgħaddi anki mill-bieb ta' barra ta' dak il-passaġġ biex jieħu l-ilma mill-imsemmi bir;

*Omissis;*

Illi, apparti dak li ntqal, jirriżulta wkoll illi sa xi ħmistax il-sena ilu Giuseppe Chetcuti, ir-raġel tat-tifla tal-konvenut, li kien joqgħod ma' kunjatuh, kien jidħol f'dak il-passaġġ biex jieħu l-ilma mill-bir ta' barra fuq it-trieq, u ħadd ma kien jagħmillu osservazzjoni fuq hekk (v. fol. 29 tergo tal-proċess l-ieħor); il-bieb ta' barra tal-passaġġ, numru 18, baqa' dejjem, ħlief saftit taż-żmien ilu, jingħalaq bis-sukkara, u mhux bil-muftieħ jew ċavetta, biex kull min kellu d-dritt jidħol fih kien jista' jidħol liberament, u l-atturi, qatt, ħlief dan l-aħħar żmien, ma ppretendew il-pertinenza esklużiva ta' dak il-passaġġ, jiġifieri mingħajr id-dritt ta' passaġġ tal-konvenut;

Illi l-pretensjonijiet l-oħra tal-atturi ma jagħmlux għall-każ. Hekk, l-attriċi Grazia Bellia xehdet illi dak il-bieb tal-

passaġġ hu l-bieb prinċipali tal-fond tagħhom u hu essenzjali għalihom. Imma, apparti li dan mhux eżatt, għaliex, kif hija xehdet in segwitu, dak il-bieb ikun hekk prinċipali jekk il-postijiet jinqasmu, il-konvenut mhuwiex qiegħed jippretendi l-proprjetà ta' dak il-passaġġ, imma biss id-dritt li jgħaddi minnu, liema dritt ġie lilu mogħti minn missier l-atturi bl-imsemmi kuntratt. L-atturi eżibew kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Alfio Vella tat-8 ta' Novembru 1891, biex juru li mill-bieb ta' barra ta' dak il-passaġġ kellhom jidħlu biss dawk li kellhom id-detenzjoni tal-ġardina retroposta għalieh minbarra dawk li kien jiddetjenu l-fond. Imma jiġi rilevat, kif jirriżulta, li fi żmien dak il-kuntratt il-fondi kollha tal-atturi, tal-konvenut, u anki l-ġardina, kienu jiffurmaw fond wieħed, li l-bieb ta' barra tiegħu kien dak li l-lum hu l-bieb tal-passaġġ; u għalhekk din il-prova ma tapplikax għall-każ taħt konsiderazzjoni. L-atturi donnhom anki jridu jeskludu l-konvenut mid-dritt tal-passaġġ, għaliex jidhrilhom li huwa ma għandux id-dritt jieħu l-ilma mill-imsemmi bir. Infatti, l-attriċi Grazia Bellia xehdet illi għall-bir għandu dritt biss min ikollu l-ġardina, u din il-ġardina ma tinsabx detenuta mill-konvenut. Imma din il-pretensjoni hi evidentement bla bażi, di fronti għall-lokuzzjoni espressa fil-kuntratt li ġa ssemma;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi......;

Rat il-petizzjoni tagħhom li biha talbu r-revoka tas-sentenza appellata, u li tiġi milqugħa t-talba tagħhom bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni esperita hi dik "negatorja";

Kif esprimiet ruħha l-Prim'Awla fil-kawża "Desain vs. Piscopo Macedonia", 9 ta' Jannar 1877, Vol. VIII, paġ. 21:— "L'azione intentata è quella che nel Diritto Romano appellasi negatoria, la quale è basata sulla presunta libertà

dei fondi, e il cui effetto si è di esonerare l'attore da qualunque prova, facendo ricadere questa intorno all'acquisto della servitù sul convenuto, non ostante che quest'ultimo si trovasse nel quasi possesso della pretesa servitù. In conseguenza, nel caso sotto esame, è il convenuto che deve pienamente provare di aver acquistato in modo legittimo il diritto di passaggio che pretende sul fondo dell'attore, onde potere l'azione proposta essere respinta" (ara wkoll Fadda, Giurisprudenza Cod. Civ., art. 629-630, para 234);

Il-proċeduri tal-ispoll tal-kawża fl-ismijiet invertiti "Magro vs. Vella", deċiża mill-Prim'Awla fis-16 ta' April 1956, ma jgħinux lill-konvenut f'din il-prova li hi mixħuta fuqu; għaliex, kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża "Cortis vs. Sammut", fil-21 ta' April 1947, Vol. XXXIII-I-55, għalkemm f'każ ta' servitù diskontinwa, bħal dik tal-passaġġ, din tista' tiġi biss kostitwita b'titolu, eppure għall-azzjoni ta' spoll biżżejjed il-pussess kwalunkwe, u n-nuqqas ta' titolu ma hux ta' ostakolu għal "dik" l-azzjoni (ara wkoll "Mizzi vs. Sant", 14 ta' Frar 1921, Vol. XXIV, p. 658). Iżda fl-azzjoni preżenti, "petitorja", ma hux biżżejjed il-pussess, imma jeħtieġ li l-konvenut jipprova l-akkwist leġittimu tas-servitù;

Issa, b'liġi (art. 506 Kap. 23 Ediz. Riv.), servitù diskontinwa, apparenti jew le, tista' tiġi kreata biss b'titolu, u ma tistax tiġi kreata la bil-preskrizzjoni, u lanqas biddestinazzjoni tal-"padre di famiglia". Eċċezzjonalment, servitù simili tista' tiġi akkwistata bil-preskrizzjoni f'każ ta' fond interkjuż;

Mela l-konvenut (peress li mhux il-każ ta' interklużjoni) jeħtieġ li jipproduċi titolu biex jirrespinġi l-azzjoni. Kienu x'kienu oriġinarjament ir-rapporti ta' "servigio" bejn il-fondi rispettivi tal-kontendenti, jekk u meta dawn kienu ta' sid wieħed, u mbgħad ġew jappartjenu lil diversi b'effett ta' aljenazzjoni, jew dispożizzjoni, jew diviżjoni tal-eredi tas-sid oriġinarju, hu ċert li d-destinazzjoni "del padre di

famiglia" ma tistax tkun bażi leġittima għal servitù ta' passaġġ, li hi servitù diskontinwa. Lanqas ma jistgħu jkunu ta' sussidju l-attijiet tal-eżerċizzju tal-pretiża servitù anki għal żmien twil, kif jista' jidher mill-provi fil-proċess l-ieħor, għaliex il-preskrizzjoni ma hijiex mod leġittmu ta' akkwist ta' servitù diskontinwa;

L-att fol. 9 ma jistax isostni l-pretiża tal-konvenut; għaliex f'dak l-att l-atturi ma ħadux parti personalment, jew permezz tal-awturi tagħhom, u kwindi għalihom dak l-att hu "res inter alios acta", mentri r-rikonoxximent tal-eżistenza ta' servitù għandu jsir minn sid il-fond serventi (Fadda, idem, para, 277);

Hemm aspett ieħor li din il-Qorti jidrilha li għandha tikkunsidra. Fil-ġurisprudenza taljana ġie ritenut li l-konfessjoni ġudizzjali tal-eżistenza tas-servitù tista' tirrimpjazza t-titolu (Coen, voce Servitù, para. 335). Ġie anki ritenut, f'dik il-ġurisprudenza, li meta l-kontestazzjoni tkun fuq l-estensjoni, u mhux fuq l-eżistenza tas-servitù, allura n-neċessità tat-titolu ma tirrikorrix (idem, para. 22-266 u 267), għalkemm fil-ġurisprudenza nostrali ġie ritenut illi, anki għal dik li hi "la maggior estensione della servitù di passaggio", jeħtieġ it-titolu; għaliex din il-"maggior estensione" hi kunsidrata "come una servitù" (Vol. XXVIII-I-595). Issa, "prima facie" jista' jidher li l-kontestazzjoni tal-atturi għall-ewwel kienet tirriferixxi għall- estensjoni, jew għall-mod tal-eżerċizzju tas-servitù, u mhux għall-eżistenza tagħha. Imma jekk wieħed jeżamina sewwa l-attijiet ta' din il-kawża u tal-oħra fl-ismijiet invertiti, fuq imsemmija, għandu jsib li, kwantu għas-servitù ta' passaġġ mill-bieb numru 18, l-atturi dejjem ikkontestawha. Fl-eċċezzjonijiet tagħhom, fol. 5 tergo tal-proċess l-ieħor, huma qalu (u f'dik iċ-ċitazzjoni kien jissemma l-passaġġ mill-bieb numru 18) li l-attur qatt ma kellu dik is-servitù, imma kienu biss attijiet ta' tolleranza. Hekk ukoll fl-ittra uffiċjali tagħhom eżibita in kopja fol. 13 ta' dak il-proċess. Anki fil-verbal fol. 32 ta' dak il-proċess, huma rriżervaw id-drittijiet tagħhom fil-

petitorju. F'din il-kawża huma qegħedin jinnegaw il-passaġġ "mill-bieb numru 18". Huma kkommentaw dwar l-att fol. 9 (avvolja ma kienx hemm lok, għax dan "res inter alios acta"), imma dejjem biex jeskludu l-passaġġ "mill-bieb numru 18". Huma qalu biss li l-konvenut għandu jgħaddi mill-bibien tal-beni tiegħu għal ġo l-passaġġ li jagħti għall-bir. Issa, biżżejjed wieħed iħares lejn l-iskizz li għamlet l-Ewwel Qorti fl-okkażjoni tal- "in loco" (fol. 16), biex jipperswadi ruħu li altru l-passaġġ li qiegħed jippretendi l-konvenut mill-bieb tal-beni tal-atturi numru 18 sal-bir, u altru l-passaġġ miż-żewġ bibien tiegħu markati "A" u "B";

Din mhijiex sempliċi kwistjoni ta' estensjoni jew mod ta' eżerċizzju tas-servitù, kif, per eżempju, il-kwistjoni jekk il-passaġġ għandux jiġi eżerċitat bir-riġel biss jew anki bl-annimal jew anki bil-karru (ara każ kontemplat fil-ġurisprudenza taljana, Coen, idem, para, 267); imma din hija pretensjoni ta' servitù, għal kollox distinta; u din is-servitù, hekk distinta, mill-bieb numru 18, l-atturi dejjem ikkontestawha, f'din il-kawża u fl-oħra. Kif ingħad, l-oġġett ta' din il-kawża negatorja hu l-passaġġ mill-bieb numru 18; u għalhekk il-Qorti, sabiex ma tmurx "ultra postulatum", għandha tieqaf hemm. "Dak" il-passaġġ, bħala passaġġ "a sè", ma ġiex pruvat bit-titolu kif imiss; u dejjem ġie negat;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.